# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 4.4

**Kapitlu 4: Ħarsu ftit 'l hemm**

**Lezzjoni 4.4: Il-ġrajja li biddlitilna ħajjitna**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. jisimgħu l-istorja tal-Milied.
2. jirrevedu l-veru sinifikat tal-Milied.
3. Jifhmu liema huma dawk l-okkazzjonijiet fl-ambjent tagħhom li juri l-veru Milied.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Powerpoint – L-istorja tal-Milied

- Karta ta' taħriġ 4.4

- Kanzunetta tal-Milied:

While shepherd watched their flocks by night

https://www.youtube.com/watch?v=eSyUvOUZwxQ

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Fakkar f'dak li jkun sar fil-lezzjoni dwar il-ferħ u l-paċi vera li jġib il-Milied
- Spjega lit-tfal li f'din il-lezzjoni ser inkompli

nitkellmu fuq din il-ġrajja.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Uri stampa fuq il-powerpoint, ta' stilla.
2. Staqsi lit-tfal fiex jiftakru x'ħin jaraw l-istilla. Ieqaf fuq l-istilla li ħadet lir-ragħajja ħdejn l-għar.
3. Staqsi x'tagħmel l-istilla fis-sema. Ħu r-risposti tagħhom – enfasizza li din issebbaħ u turi t-triq.
4. Spjega li hekk ġara meta twieled Ġesù – l-istilla wriet it-triq lir-ragħajja u wasslithom sa ħdejn Ġesù.
5. Staqsi lit-tfal kif huma jistgħu jkunu stilla li tiddi llum ukoll.
6. Hu r-risposti tagħhom u asal għall-punt li meta qed nagħmlu s-sewwa u qed inkunu ta' eżempju tajjeb, aħna nkunu bħal dik l-istilla li wasslet lir-ragħajja għand Ġesù.
7. Irrevedi l-istorja tal-Milied u enfasizza dak li ħassew Ġużeppi u Marija – in-niket ta' Marija li kellha meta welldet f'għar – il-ferħ tal-anġli fis-sema – il-ferħ ta' San Ġużepp meta ra f'idejk lill-Iben t'Alla.
8. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 4.4 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex flimkien jaħdmu bħala klassi Attività 1 billi jpoġġu l-istorja wara xulxin. It-tweġibiet iridu jkunu: 1 – 3 – 2 – 4.
9. Spjega Attività 2 u wara diskussjoni t-tfal ipoġġu s-sentenza taħt l-istampa t-tajba

10. Asal għal Attività 3. Qajjem diskussjoni dwar l-għajnuna meħtieġa li nagħtu f'dan iż-żmien.

11. Agħlaq billi t-tfal jagħmlu t-talbiet tagħhom.

12. Isimgħu flimkien il-kanzunetta tal-Milied: *While shepherd watched their flocks by night.*

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

- Ġesù wera lilu nnifsu l-ewwel lin-nies sempliċi, li kienu r-ragħajja.
- Tajjeb li nkunu bħall-istilla ta' Betlem, li nuru lill-oħrajn lil Ġesù u dan kemm iħobbhom.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jifhmu x'iġifieri li fil-Milied u dejjem irridu nħobbu lil kulħadd għax Ġesù ġie għal kulħadd.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Kanzunetta tal-Milied:

While shepherd watched their flocks by night

https://www.youtube.com/watch?v=eSyUvOUZwxQ

## Nitolbu

Għinna Ġesù naċċettaw lil xulxin, b'dak kollu li għandna.

